


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Ipproċessar Onlajn Ta' Każijiet U Komunikazzjoni Elettronika Mal-qrati](#) > [Portugal](#)

# Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

 Portugall

## 1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?

Iva, fil-Portugall huwa possibbli li tiftaħ proċedimenti tal-qorti bl-internet, u nħolqu applikazzjonijiet tal-IT speċifiċi għal dan l-iskop: *Citius* (pjattaforma tal-IT li tappoġġa l-attivitajiet tal-qrati) u l-Pjattaforma għall-Ġestjoni tal-Proċedimenti tal-Inventarju.

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar il-pjattaformi msemmija hawn fuq fil-links li ġejjin:

<https://www.citius.mj.pt/portal/default.aspx>

<https://www.inventarios.pt/>

## 2 Jekk proċedura bħal din teżisti, għal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?

### *Citius*

Bħala regola, il-proċedimenti legali kollha, jiġifieri l-azzjonijiet prinċipali, il-miżuri kawtelatorji, il-proċedimenti anċillari, in-notifiki ġudizzjarji individwali u kwalunkwe proċedimenti oħra, sew jekk konġunti kif ukoll jekk awtonomi, inklużi l-appelli, issa huma elettroniċi u jiġu pproċessati fis-*Citius* (l-Artikolu 1 tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Għal każijiet imressqin quddiem il-qrati, il-pjattaforma *Citius* tippermetti l-inizjar u l-ipproċessar ta':

a) kawżi dikjaratorji ċivili, miżuri kawtelatorji u notifiki ġudizzjarji individwali, bl-eċċezzjoni ta' proċedimenti għall-protezzjoni tat-tfal u talbiet għad-danni ċivili jew proċedimenti ta' eżekuzzjoni ċivili ippreżentati fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali;

b) proċedimenti ta' eżekuzzjoni ċivili u l-proċedimenti anċillari kollha konġunti mal-eżekuzzjoni (f'dan il-każ, il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, flimkien mal-istampar ta' kwalunkwe dokument meqjus bħala essenzjali, għandhom isiru biss ladarba l-qorti tkun irċeviet rikors jew informazzjoni li teħtieġ l-intervent tagħha).

L-istess japplika għal proċedimenti ta' ordni ta' ħlas. Ara wkoll l-iskeda informattiva rilevanti.

Pjattaforma ta' Ġestjoni tal-Proċedimenti tal-Inventarju

Il-preżentata tat-talba għall-inventarju lin-nutar, kwalunkwe kontestazzjoni, u l-azzjonijiet sussegwenti kollha jridu jsiru, kull meta jkun possibbli, permezz tal-Pjattaforma ta' Ġestjoni tal-Proċedimenti tal-Inventarju (l-Artikolu 2(2) tal-Qafas Legali għall-Inventarju Notarili, ippubblikat f'anness tal-Liġi Nru 117/2019 tat-13 ta' Settembru

2019).

### 3 Din il-faċilità hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?

Is-servizzi deskritti huma disponibbli 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-gimgħa (sakemm is-server ma jkunx bil-ħsara).

### 4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?

#### *Citius*

Is-sottomissjonijiet għandhom jiġu ppreżentati billi jimtlew il-formoli li jinsabu fil-paġna web imsemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija 1, li magħhom għandhom jiġu annessi:

a) fajls b'informazzjoni oħra meħtieġa skont il-liġi, il-kontenut materjali tas-sottomissjoni u informazzjoni oħra meqjusa bħala rilevanti mir-rappreżentant legali u li ma tidħolx fil-kaxxi l-oħra tal-formola (l-Artikolu 6(1)(a) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013);

b) individwalment, id-dokumenti li jridu jakkumpanjaw is-sottomissjoni (l-Artikolu 6(1)(b) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Meta s-sottomissjonijiet u d-dokumenti jiġu ppreżentati b'dan il-mod, iridu jiġu ffirmati diġitalment fil-pjattaforma *Citius* bl-użu ta' ċertifikat ta' firma elettronika li tigarantixxi b'mod permanenti l-istatus professjonali tal-firmatarju (l-Artikolu 6(3) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Il-fajls u d-dokumenti jridu jkunu fil-*Portable Document Format* (.pdf), preferibbilment fil-verżjoni PDF/A u, fil-każ ta' dokumenti miktuba, ikun fihom kontenut li jista' jifitex (l-Artikolu 8(a) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Fir-rigward ta' ordnijiet għal proċedimenti ta' ħlas, il-fajls għandhom ikunu fil-format *extensive markup language* (.xml), li l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu jinsabu hawnhekk:

<https://www.citius.mj.pt/portal/consultas/injuncoes/injunformato.aspx>

Pjattaforma ta' Ġestjoni tal-Proċedimenti tal-Inventarju

Rikors għal proċedimenti ta' inventarju jista' jiġi ppreżentat:

a) mill-parti interessata jew mir-rappreżentant legali tagħha, billi timtela l-formola elettronika biex jitressqu l-proċedimenti tal-inventarju pprovduta fuq il-pjattaforma, u jinhemżu d-dokumenti rilevanti f'konformità mal-proċeduri u l-istruzzjonijiet mogħtija (l-Artikolu 5(1)(a) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013);

b) mill-parti interessata fl-uffiċċju tan-nutar, b'kopja stampata, billi jiġi ppreżentat il-mudell tar-rikors għall-inventarju previst fl-Artikolu preċedenti, flimkien mad-dokumenti rilevanti (l-Artikolu 5(1)(b) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

L-aċċess għas-sit web imsemmi aktar 'il fuq jinkiseb permezz ta' ċertifikazzjoni elettronika kif ġej:

a) miċ-ċittadini, permezz taċ-ċertifikat diġitali inkorporat fil-karti taċ-ċittadini tagħhom (l-Artikolu 2(4)(a) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013);

b) mill-avukati permezz taċ-ċertifikat diġitali li jikkonferma l-istatus professjonali tagħhom (l-Artikolu 2(4)(b) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

### 5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?

Id-data personali miġbura mill-qradi fit-tweqqiq tal-funzjonijiet legali tiġi pproċessata mill-pjattaforma tal-IT *Citius*, maħluqa u ġestita mill-Istitut għall-Ġestjoni tal-Finanzi u l-Proprietà tas-Servizzi Ġudizzjarji, (*Instituto de Gestão Financeira e Equipamentos da Justiça, I.P.*) ("IGFEJ, I.P."), taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Ġustizzja, li

jaġixxi bħala l-proċessur għall-ogħla korp fl-ordinament ġuridiku, jiġifieri, il-Kunsill Suprem tal-Ġudikatura (*Conselho Superior da Maġistratura*) (f'konformità mal-Artikoli 4, 8 u 28 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)).

L-IGFEJ, I.P. huwa meħtieġ li jggarantixxi li l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa kollha jiġu implimentati biex jiġi żgurat li d-data tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament u li d-drittijiet tas-suġġetti tad-data jkunu protetti, kif indikat mill-Kunsill Suprem tal-Ġudikatura li ħatar lill-Imħallef bħala uffiċjal tal-protezzjoni tad-data.

Min-naħa l-oħra, f'konformità mal-Artikolu 37 tal-GDPR, il-Ministeru għall-Ġustizzja ħatar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data wieħed għall-korpi taħt ir-responsabbiltà tiegħu, inkluż l-IGFEJ, I.P. (ara [L-Ordni Leġiżlattiva Nru 5643/2018 tas-7 ta' Ġunju 2018](#)).

Hija r-responsabbiltà tal-imħallef tal-kawża li jiddeċiedi dwar l-aċċess għad-data personali u t-trażmissjoni tagħha f'kawżi ġudizzjarji. L-imħallef tal-kawża huwa responsabbli li jieħu din id-deċiżjoni f'konformità mal-liġijiet proċedurali applikabbli għall-kawża speċifika u mal-GDPR, kif ġej: l-ipproċessar ta' data personali mill-qrati jippermetti li l-applikazzjoni tar-Regolament tkun ristretta għal operazzjonijiet speċifiċi u għal proċeduri li għandhom jiġu segwiti (l-Artikolu 23(1)(d) u (f) tal-GDPR); l-awtorità ta' kontroll ma tistax tikkontrolla operazzjonijiet ta' pproċessar imwettqa mill-qrati fit-tweġiq ta' dmirijiet legali (limitazzjoni stabbilita fl-Artikolu 55(3) tal-GDPR). Il-proċess tal-appelli previst fil-liġi proċedurali nazzjonali japplika għal deċiżjonijiet legali dwar il-kwistjoni.

## 6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?

### *Citius*

Is-sottomissjonijiet u d-dokumenti ppreżentati mir-rappreżentanti legali jridu jkunu ffirmati diġitalment bl-użu ta' ċertifikat ta' firma elettronika li tigarantixxi b'mod permanenti l-identità u l-istatus professjonali tal-firmatarju (l-Artikolu 6(3) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Il-pjattaforma *Citius* tiżgura:

a) ċertifikazzjoni tad-data u l-ħin tal-konsenja (l-Artikolu 13(a) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013);

b) li l-mittent jiġi pprovdut b'kopja tas-sottomissjoni u tad-dokumenti ppreżentati bid-data u l-ħin tal-konsenja ċċertifikata mehmuża (l-Artikolu 13(b) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013);

c) li, jekk ma jkunux jistgħu jiġu rċevuti, jintbagħat messaġġ lill-mittent li jinfurmah li ma kienx possibbli li s-sottomissjoni jew id-dokumenti jiġu ppreżentati permezz tal-pjattaforma (l-Artikolu 13(c) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

L-imħallfin u l-prosekuturi pubbliċi dejjem jippreżentaw id-dokumenti formali b'mod elettroniku permezz tas-sistema tal-IT *Citius*, b'firma elettronika kkwalifikata jew avvanzata mehmuża (l-Artikolu 19 tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

F'kawżi li ma jkunux jeħtieġu rappreżentanza legali, u meta l-parti ma jkollhiex avukat, is-sottomissjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati wkoll fil-qorti b'wieħed mill-modi li ġejjin (l-Artikolu 144(7) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Código de Processo Civil*)):

a) b'konsenja fiżika lill-iskrivan tal-qorti, fejn id-data tal-konsenja tgħodd bħala d-data tal-preżentata tas-sottomissjonijiet (l-Artikolu 144(7)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

b) bil-posta rreġistrata, fejn id-data tar-reġistrazzjoni postali tgħodd bħala d-data tal-preżentata tas-sottomissjonijiet (l-Artikolu 144(7)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

c) bil-faks, fejn id-data meta jintbagħtu d-dokumenti tgħodd bħala d-data tal-preżentata tas-sottomissjonijiet (l-Artikolu 144(7)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Meta l-parti jkollha rappreżentanza legali u jkun hemm ostaklu ġustifikat għas-sottomissjoni tad-dokumenti b'mod elettroniku, dawn jistgħu jiġu ppreżentati bl-użu ta' wieħed mill-metodi msemmija hawn fuq (l-Artikolu 144(8) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Pjattaforma ta' Ġestjoni tal-Proċedimenti tal-Inventarju

Ladarba r-rikors ikun ġie ppreżentat kif meħtieġ, il-pjattaforma jew in-nutar jipprovdi konferma tas-sottomissjoni lir-rikorrent li tispeċifika:

a) id-data u l-ħin li fihom ġie ppreżentat ir-rikors (l-Artikolu 5(2)(a) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013);

b) il-kodiċi u l-istruzzjonijiet għall-aċċess tas-sit web <https://www.inventarios.pt/> sabiex wieħed jikkonsulta l-kawża (l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013);

c) referenza tal-ATM Multibanco għall-ħlas tal-ewwel pagament parzjali tat-tariffi tan-nutar, u l-ammont korrispondenti (l-Artikolu 5(2)(c) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013);

d) in-numru li jingħata lill-kawża wara l-ħlas tal-ewwel pagament parzjali tat-tariffi tan-nutar (l-Artikolu 5(2)(d) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

## 7 Għandhom jiġihallu xi tariffi tal-qorti? Jekk iva, kif jistgħu jiġihallu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?

*Citius*

Iva, it-tariffi tal-qorti jridu jiġihallu.

L-ewwel irid jinħareġ "dokument ta' ġbir uniku" (*Documento Único de Cobrança - DUC*) għall-ħlas u dan jista' jiġi aċċessat mill-paġna web tal-IGFEJ:

<https://justica.gov.pt/Servicos/Custas-processuais/DUC-Documento-Unico-de-Cobranca>

Id-DUC jista' jiġihallas:

- minn ATM Multibanco jew bil-Homebanking (taħt "Ħlasijiet lill-Istat" (*Pagamentos ao Estado*));
- fir-reġistru tal-qorti b'karta tal-Multibanco;
- fil-fergħa tal-bank tiegħek.

(l-Artikolu 17 tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 419-A/2009 tas-17 ta' April 2009).

Għal aktar informazzjoni kkonsulta:

Servizzi - Spejjeż tal-Proċedimenti: <https://justica.gov.pt/Servicos/Custas-processuais>

Fi proċedimenti fejn l-użu ta' mezzi elettroniċi ma huwiex obligatorju, it-tariffi tal-qorti jitnaqqsu għal 90 % tal-valur tagħhom meta l-parti tippreżenta s-sottomissjonijiet kollha permezz ta' mezzi elettroniċi (l-Artikolu 6(3) tar-Regolament dwar l-ISpejjeż Proċedurali (*Regulamento das Custas Processuais*), ippubblikat fl-Anness tad-Digriet Amministrattiv Nru 34/2008 tas-26 ta' Frar 2008).

Fir-rigward ta' ordnijiet ta' ħlas, irreferi għall-iskeda informattiva korrispondenti.

Il-Portugall jaċċetta wkoll il-ħlas tat-tariffi tal-qorti permezz ta' trasferiment minn banek barranin.

Tista' ssib simulatur tat-tariffi tal-qorti fl-indirizz:

<https://justica.gov.pt/en-gb/Servicos/Simulador-Taxas-de-Justica>

Pjattaforma ta' Ġestjoni tal-Proċedimenti tal-Inventarju

L-ispejjeż għall-proċedimenti tal-inventarju jkopru t-tariffi u l-ispejjeż tan-nutar (l-Artikolu 15 tal-Ordni Ministerjali

tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013). Il-ħlas isir permezz tar-referenza għat-trasferiment elettroniku bl-ATM Multibanco ġġenerata meta jiġi ppreżentat ir-rikors (l-Artikolu 20 tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

## 8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbdev permezz tal-internet?

Iva, huwa possibbli li tirrinunzja għall-atti jew li tirtira r-rikors skont it-termini stipulati fir-regoli proċedurali nazzjonali applikabbli għal kull każ.

## 9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?

Bħala regola, fil-proċedimenti legali, is-sottomissjonijiet tal-intimat jiġu ppreżentati quddiem il-qorti b'mod elettroniku, u d-data tal-preżentata tad-dokumenti tgħodd bħala d-data tal-preżentata tas-sottomissjonijiet (l-Artikolu 144(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

F'kawżi li ma jkunux jeħtieġu rappreżentanza legali, u meta l-parti ma jkollhiex avukat, is-sottomissjonijiet jistgħu jiġu kkonsenjati wkoll fiżikament lill-iskrivan tal-qorti, jew jintbagħtu bil-posta rreġistrata jew bil-faks (l-Artikolu 144(7) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Għall-proċedimenti tal-inventarju, jekk jogħġbok ara t-tweġibiet għall-mistoqsijiet 4 u 6.

## 10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?

*Citius*

Jekk l-intimat ikun jixtieq iwieġeb, it-talba xorta tiġi pprocessata b'mod elettroniku, għalkemm ċerti dokumenti jiġu stampati.

L-atti stampati jridu jinkludu biss sottomissjonijiet u dokumenti proċedurali li jkunu rilevanti għad-deċiżjoni fuq il-merti kif indikat mill-imħallf f'deċiżjoni motivata f'kull kawża. Huwa preżunt li dawn li ġejjin ma humiex rilevanti (l-Artikolu 28(1) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013):

a) talbiet biex tinbidel id-data tas-seduta;

b) komunikazzjonijiet amministrattivi u avviżi ta' eżekuzzjoni li jirrigwardaw biss l-organizzazzjoni tal-proċedimenti, u t-tweġibiet, bħal:

i) avviżi li jordnaw taħrika jew notifika tal-partijiet;

ii) avviżi li jfasslu l-iskeda għas-seduti;

iii) avviżi li kawża ntbagħtet lill-Prosekutur Pubbliku;

iv) avviżi ta' investigazzjoni minn dipartimenti differenti bħall-awtoritajiet tal-pulizija kriminali, l-uffiċċji tar-reġistru, l-Istitut Nazzjonali tal-Mediċina Forensika u tax-Xjenzi Forensiċi (*Instituto Nacional de Mediċina Legal e Ciências Forenses I. P.*), id-Direttorat għas-Servizzi tal-Ħabsijiet u tar-Riabilitazzjoni Soċjali (*Direcção-Geral de Reinserção e Serviços Prisionais*) jew id-Direttorat Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali (*Direcção-Geral da Segurança Social*);

v) timbri ta' validazzjoni mill-prosekutur pubbliku u minn imħallf;

c) l-aċċettazzjoni ta' ħatra ta' aġent tal-eżekuzzjoni biex jinnotifika taħrika;

d) komunikazzjonijiet interni;

e) ċertifikati negattivi li jirriżultaw mill-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-*data* fid-dipartimenti tal-gvern;

f) azzjonijiet, komunikazzjonijiet jew notifiki speċifiċi mill-aġent tal-eżekuzzjoni.

Pjattaforma ta' Ġestjoni tal-Proċedimenti tal-Inventarju

In-nutar jeħtieġlu jirreġistra l-passi kollha fil-proċedimenti fil-pjattaforma sabiex kull pass ikun jista' jiġi identifikat u tkun tista' tinstab kopja tad-dokumenti relatati u ta' kull dokument ta' akkumpanjament (l-Artikolu 12(1) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Kwalunkwe azzjoni legali formali ppreżentata minn kwalunkwe persuna involuta fil-proċedimenti li ma tiġix ippreżentata b'mod elettroniku trid tiġi skennjata min-nutar u rreġistrata fl-atti tal-proċedimenti tal-inventarju relatati (l-Artikolu 12(2) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Jekk l-iskennjar tad-dokumenti msemmi hawn fuq ma jkunx possibbli minħabba n-natura tas-sottomissjonijiet jew ta' kwalunkwe dokument ieħor ippreżentat mill-parti interessata, in-nutar jeħtieġlu jirreġistra l-azzjoni fil-pjattaforma tal-proċedimenti tal-inventarju, u jiddikjara li d-dokument inkwistjoni jista' jiġi kkonsultat fl-uffiċċju notarili (l-Artikolu 12(3) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

## 11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?

Jekk l-intimat ma jweġibx, it-talba ssegwi l-proċedura applikabbli u tiġi pproċessata diġitalment sal-konklużjoni tagħha. Ċerti dokumenti jiġu stampati kif spjegat fit-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti.

## 12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema kundizzjonijiet jista' jsir?

Ara t-tweġibiet għall-mistoqsijiet 2 u 4.

## 13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?

*Citius*

Biex issir taf f'liema każijiet il-liġi tippermetti notifika bl-internet, ara l-iskeda informattiva "*Notifika ta' Dokumenti - il-Portugall*", b'mod partikolari t-tweġibiet għall-mistoqsijiet 5 u 6.

Meta jkun permess li ssir notifika elettronika, din issir permezz tal-pjattaforma *Citius*, li tiżgura awtomatikament li d-dokumenti jkunu disponibbli u li wieħed jista' jarahom fl-indirizz:

<https://citius.tribunaisnet.mj.pt/habilus/myhabilus/login.aspx>

(l-Artikolu 25(1) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Pjattaforma ta' Ġestjoni tal-Proċedimenti tal-Inventarju

In-notifika min-nutar lir-rappreżentanti legali ta' partijiet li huma diġà involuti fil-proċedimenti ssir permezz tal-pjattaforma tal-proċedimenti tal-inventarju, fl-ispazju ristrett riżervat għar-rappreżentant legali fis-sistema. In-notifika titqies li tkun saret fit-tielet jum wara li d-dokument ikun sar disponibbli fl-ispazju fis-sistema li huwa ristrett għar-rappreżentant legali, jew fil-jum tax-xogħol li jsegwi jekk dakinhar ma jkunx jum tax-xogħol (l-Artikolu 9(1) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Meta d-dokument isir disponibbli fl-ispazju fil-pjattaforma riżervat għar-rappreżentant legali, tintbagħat ittra elettronika simultanament lill-indirizz tal-posta elettronika li jkun ipprovdha qabel li tinnotifikah li d-dokument ikun disponibbli fil-pjattaforma (l-Artikolu 9(2) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Awwissu 2013).

Meta n-notifika ssir direttament lill-partijiet, id-dokumenti jiġu nnotifikati f'forma stampata skont it-termini stipulati fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Artikolu 9(3) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013) u jiġu rreġistrati fil-pjattaforma tal-proċedimenti tal-inventarju, bil-firma elettronika tal-iskrivin rispettiv mehmuża (l-Artikolu 9(4) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

## 14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?

Bie x issir taf f'liema każijiet il-liġi tippermetti n-notifika ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji bl-internet, ara l-iskeda informattiva "*Notifika ta' Dokumenti - il-Portugall*", b'mod partikolari t-tweġibiet għall-mistoqsijiet 5 u 6.

Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji jiddaħħlu fis-sistema *Citius-Magistrados Judiciais* u d-deċiżjonijiet ikunu disponibbli fil-pjattaforma *Citius*.

## 15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?

Iva, dawn li ġejjin jistgħu jiġu ppreżentati elettronicament: rikorsi għal awtorizzazzjoni għal appell, dikjarazzjonijiet ta' aggravji u r-risposti, u lmenti kontra ċ-ċaħda jew ir-rinviju ta' appelli (l-Artikolu 15 tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Fir-rigward tan-notifika tad-deċiżjoni dwar dan l-appell, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 13.

## 16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?

Iva, huwa possibbli li tiftaħ proċedimenti ta' eżekuzzjoni bl-internet.

## 17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?

*Citius*

Kwalunkwe parti fil-proċedimenti – ir-rikorrent, l-intimat, il-kreditur (il-parti li titlob il-ġbir tad-dejn permezz ta' eżekuzzjoni ġudizzjarja), id-debitur (il-parti li tkun ingħatat ordni ta' eżekuzzjoni kontraha), l-akkużat, l-assistent, il-partijiet l-oħrajn fil-proċedimenti, eċċ. – jistgħu jikkonsultaw l-atti tal-kawżi li jkunu involuti fihom u li jkunu pendenti fil-qrati ġudizzjarji, amministrattivi u tat-taxxa mid-dar jew minn kwalunkwe post ieħor b'aċċess għall-internet, bl-użu tal-kard taċ-ċittadin jew tal-kjavi diġitali mobbli tagħhom għall-awtentikazzjoni. (l-Artikolu 27-A tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Tali konsultazzjoni hija disponibbli fil-limiti stabbiliti mil-liġi fir-rigward tal-pubbliċità tal-proċedura (eż. f'konformità mar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-proċedimenti ġudizzjarji).

Id-dokumenti jistgħu jiġu kkonsultati online fl-indirizz:

<https://processos.tribunais.org.pt/>

Sett ta' mistoqsijiet u tweġibiet ġenerali dwar l-użu tas-servizz ta' konsultazzjoni tar-rekords tal-qorti jinsabu hawnhekk:

<https://processos.tribunais.org.pt/perguntas-frequentes>

Pjattaforma ta' Ġestjoni tal-Proċedimenti tal-Inventarju

Il-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-proċedimenti tal-inventarju fil-pjattaforma tal-proċedimenti tal-inventarju (l-Artikolu 13(1) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

Il-partijiet jistgħu jaċċessaw din is-sistema esklużivament għal skopijiet ta' konsultazzjoni billi jużaw kodiċi pprovdut min-nutar meta jinnotifika l-ewwel dokumenti lill-parti kkonċernata (l-Artikolu 13(2) tal-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013).

## Leġiżlazzjoni applikabbli

[Il-Liġi Nru 41/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013](#) – Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

[L-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#) – Ipproċessar elettroniku ta' kawżi ġudizzjarji

[Il-Liġi Nru 117/2019 tat-13 ta' Settembru 2019](#) – Il-Qafas Legali għall-Inventarju Notarili

[L-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 278/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#) – dwar l-ipproċessar ta' dokumenti u t-termini tal-proċedimenti tal-inventarju

[Ir-Regolament \(UE\) Nru 679/2016 tas-27 ta' April 2016](#) – Ir-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)

[L-Ordni Ministerjali tal-Implimentazzjoni Nru 419-A/2009 tas-17 ta' April 2009](#) – dwar l-ispejjeż proċedurali, multi u sanzjonijiet oħrajn

[Id-Digriet Amministrattiv Nru 34/2008 tas-26 ta' Frar 2008](#) – Ir-Regolament dwar l-ispejjeż Proċedurali

## Links utli

[Il-Portal Citius](#)

[Il-Portal tal-Ġustizzja](#)

[Id-Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja](#)

[Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja](#)

[L-Istitut għall-Ġestjoni tal-Finanzi u l-Proprjetà tas-Servizzi Ġudizzjarji](#)

## Nota:

Il-punt ta' Kuntatt Ċivili tan-NĠE, il-qrati u entitajiet u awtoritajiet oħrajn mhumiex marbutin bl-informazzjoni li tinsab f'din l-iskeda informattiva. It-testi legali fis-seħħ jibqgħu qari meħtieġ. Din l-informazzjoni hija soġġetta għal aġġornamenti regolari u għal evoluzzjoni fl-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza.

---

L-aħħar aġġornament: 01/09/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.